

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 175/2014

tal-25 ta' Settembru 2014

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2015/1243]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 119/2014 tas-7 ta' Frar 2014 li jemenda d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħmira arrikkita bil-kromju użata għall-manifattura ta' supplimenti tal-ikel, u l-lattat tal-kromju (III) triidrat miżjud mal-ikel ⁽¹⁾ jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 155/2014 tad-19 ta' Frar 2014 li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni għal ċerti stqarrijiet dwar l-effetti fuq is-saħħa ta' prodotti tal-ikel, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal ⁽²⁾, jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jirrifjuta li jawtorizza ċerti stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal ⁽³⁾, jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni b'rabta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (5) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li jmiss jiżdied fil-punti 54zzi (id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 54zzzu (ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“— **32014 R 0119:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 119/2014 tas-7 ta' Frar 2014 (ĠU L 39, 8.2.2014, p. 44).”
2. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 80 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1066/2013):
 - “81. **32014 R 0155:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 155/2014 tad-19 ta' Frar 2014 li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni ta' ċerti stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 50, 20.2.2014, p. 11).
 82. **32014 R 0175:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2014 tal-25 ta' Frar 2014 li jirrifjuta li jawtorizza ċerti stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 56, 26.2.2014, p. 7).”

⁽¹⁾ ĠU L 39, 8.2.2014, p. 44.⁽²⁾ ĠU L 50, 20.2.2014, p. 11.⁽³⁾ ĠU L 56, 26.2.2014, p. 7.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 119/2014, (UE) Nru 155/2014 u (UE) Nru 175/2014 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

(*) L-ebda rikwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati